# PC 4NGOs

F A Q

FREQUENTLY ASKED QUESTIONS

**X'inhi l-iskema PC4NGOs?**
PC4NGOs hija skema li tagħti opportunita` lill-entitajiet mhux Governattivi biex jakkwistaw kompjuters rikondizzjonati ekwivalenti għal Pentium IV.

**Min hu eliġibbli għal PC4NGOs?**
Huma eliġibbli dawk l-organizazzjonijiet mhux Governattivi u mhux għall-profitt, u li jagħtu servizz fil-komunita`. Dawn għandu jkollhom statut u jkunu ilhom imwaqqfin għal aktar minn sena.

**Għalxiex jistgħu jintużaw il-kompjuters rikondizzjonati?**
Dawn il-kompjuters jistgħu jintużaw biss għal għanijiet stipulati fl-istatut ta' l-organizzazjoni. Il-kompjuters rikondizzjonati ma jistgħux jiġu installati fi djar privati.

**Fiex jikkonsisti kompjuter rikondizzjonat?**
Kompjuter rikondizzjonat jikkonsisti f'PC ekkwivalenti għal Pentium IV (li jinkludi *tower* u *monitor* iżda mhux *mouse* u *keyboard*) li preċedentement kien proprjeta` tal-Gvern tar-Repubblika ta' Malta jew ta' xi Ministeru, Dipartiment, Agenzija jew Uffiċċju Governattiv assoċjat miegħu.

**Hemm garanzija fuq kompjuters rikondizzjonati?**
Il-Kompjuter rikondizzjonat qed jingħata *tale quale* mingħajr l-ebda forma ta' garanzija fir-rigward tal-kundizzjoni tiegħu jew ta' kemm ikun addattat għall-iskopijiet tal-applikant.

**X'Sofware jiġi biħ il-kompjuter rikondizzjonat?**
Min japplika għandu jagħżel jekk bħala Operating System iridx jinstalla Microsoft Windows (li jinkludi l-pakkett tal-*HelloIT* [*Microsoft Office 2003, Microsoft Encarta, Microsoft Visual Studio, Microsoft Class Server*]) jew *Ubuntu* (li jinkludi *Open Office*).

## Kemm jiswew dawn il-kompjuters?

Il-kompjuter qed jingħata b'xejn. Min jibbenefika irid jikkontribwixxi €80 (*Microsoft Windows*) jew €50 (*Ubuntu*) marbutin ma` l-ispejjeż tar-rikondizzjonar tal-kompjuter u l-installazzjoni ġdida.

## Kemm nista` nakkwista kompjuters?

Kull organizzazzjoni hija ntitolata li tapplika għal massimu ta' ħames kompjuters.

## Kull organizzazzjoni li tapplika ser tkun intitolata li tircievi kompjuter ta' l-iskema PC4NGOs?

In-numru ta' kompjuters għal din l-iskema huwa limitat u ma tistax tingħata garanzija li l-applikanti kollha ser ikunu jistgħu jakkwistaw numru minn dawn il- kompjuters. Dawk l-organizzazjonijiet li għandhom l-akbar impatt fis-socjeta` jingħataw prijorità.

## Kif nista` napplika għal kompjuter rikondizzjonat?

Niżżel il-formola ta' reġistrazzjoni tal-programm PC4NGOs minn fuq il-website **www.mca.org.mt**. Aqra sew it-termini u l-kundizzjonijiet ta' l-iskema li jinsabu fuq il-formola ta' l-applikazzjoni. Jekk int taċċetta dawn it-termini u l-kundizzjonijiet, imla l-formola u ibgħatha b'posta reġistrata fl-indirizz li jidher hawn taħt:

**PC4NGO, l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni ,**
**Valletta Waterfront, ix-Xatt ta' Pinto, Floriana, FRN1913.**

## Sa meta nista` napplika?

Tista` tapplika sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 19 ta' Ġunju.

## X'jiġri wara li tagħlaq id-data ta' reġistrazzjoni?

Kull applikazzjoni ser tiġi evalwata skond l-impatt li l-organizzazzjoni għandha fuq is-socjeta`. Tintbagħat ittra lil dawk kollha li applikaw sabiex tgħarrafhom jekk hux ser jibbenifikaw minn din l-iskema.

## Jekk jien eliġibbli u ntgħażilt li nakkwista kompjuter rikondizzjonat, meta u kif nista' nħallas il-kontribuzzjoni?

Dawk l-applikanti li jintgħazlu biex jakkwistaw kompjuter ta' l-iskema PC4NGOs għandhom jagħmlu l-ħlas **BISS** wara li jirċievu l-ittra li tgħarrafhom li l-applikazzjoni ġiet aċċettata.

PC 4NGOs

**Aktar informazzjoni tista` tinkiseb billi ċempel fuq 21 255 495.**